MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Rikors Numru. 1151/1997/1

Dolores sive Doreen Scott
vs
Mid-Med Bank Limited u b'digriet tat-23 ta' Frar 2000 gie mizjud il-kliem u HSBC Bank Malta plc bhala successur tal-istess

Illum 7 ta' April 2005

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat fl-1 ta' Dicembru 1997 fejn ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995 u cioe` tul il-perjodu kollu bejn iz-zewg dati hawn imsemmija, ir-rikorrenti sofriet ingustizzja kull darba li hija giet maqbuza fl-ghoti tal-promozzjonijiet, billi giet maqbuza minghajr ebda raguni valida.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

1. Ir-rikorrenti bdiet tahdem fil-Bank f' Dicembru ta' l-1969 bhala skrivana. Ilha tokkupa l-kariga ta' Manager dawn l-ahhar hdax -il sena. Jirrizulta li persuni li bdew jahdmu fil-Bank meta bdiet ir-rikorrenti, kif ukoll persuni ohrajn li bdew jahdmu fil-Bank ghaxar snin warajha, fil-prezent jokkupaw il-grad ta' Executive Manager u b'hekk jinsabu zewg gradi 'l fuq minn dak li ghandha r-rikorrenti. Hija ssostni li ma tezisti l-ebda raguni valida li tiggustifika dan l-agir tal-Bank fil-konfront taghha.

2. Biex tigi spjegata ahjar il-pozizzjoni jinghad illi fis-sena 1987 kienu jezistu gradi ta' Manager I, Manager II, u Manager III u ir-rikorrenti kienet tokkupa l-grad ta' Manger I. Bejn l-1987 u l-1988 inghataw bosta promozzjonijiet. Dawk illi kienu Manager I gew promossi ghal Manager II. Ir-rikorrenti baqghet Manager I. Sadanittant kien hemm ukoll min gie moghti zewg promozzjonijiet fl-1987, wahda ghal Manager I u l-ohra ghal Manager II.

Fl-istess zmien, il-Bank ried illi jamalgama l-gradi. Min kien Manager I sar Manager B u dawk kollha li kienu Manager II u Manger III saru Manager A (Dokument A). Bhala konsegwenza ir-rikorrenti giet illi waqghet lura bi grad. Inoltre fis-sena 1988 gew moghtija promozzjonijiet godda u min kien Signatory A awtomatikament lahaq Manager B ghalkemm fost it-talin kien hemm min beda jahdem fil-Bank sahansitra hdax-il sena wara r-rikorrenti.

Fl-1989 u fl-1991 regghu nghataw promozzjonijiet ghall-grad, fuq imsemmi, ta' Manager A. Mhux biss ir-rikorrenti sfat barra minn dan l-ezercizzju, izda wkoll persuni li kienu ghadhom kif saru Manager B fl-1988 u kellhom seniority inferjuri ghal dik ta' r-rikorrenti anke bi hdax-il sena lahqu l-grad ta' Manager A. Fl-1992 inghataw promozzjonijiet ghal Senior Manager A. Ir-rikorrenti li kienet ghadha tistenna l-grad ta' Manager A lanqas biss giet konsidrata, pero` gew konsiderati persuni li kienu gew promossi fl-1988 u fl-1989 (Dokumenti B u C). Fl-istess sena 1992 ir-rikorrenti giet promossa ghal Manager A flimkien ma' hamsin persuna ohra li whud minnhom kienu ghadhom skrivani meta hija kellha diga` l-grad ta' Manager I.

F’Lulju u f’Settembru ta’ l-1992 ir-rikorrenti talbet bil-miktub (Dokument D u E) li tinghata spjegazzjoni. Spjegazzjoni ma hadet qatt.

Fl-1994 gew amalgamati l-gradi ta’ Manager B u Manager A. B’daqqa ta’ pinna r-rikorrenti marret lura ghall-grad li kellha qabel giet promossa. Sussegwentement, b’effett mit-8 ta’ Mejju, 1995, gew moghtija l-promozzjonijiet ghall-grad ta’ Senior Manager. Ir-rikorrenti ma bbenefikat xejn mill-ezercizzju. (Dokumenti F u G).

Ir-rikorrenti hawnhekk tirrileva bhala ezempju tal-mod kif dejjem qdiet id-dmirijiet taghha fil-“branches” tal-Bank li hadmet fihom, illi fiz-zmien meta ntbaghtet fil-“branch” ta’ Bormla ghalkemm hija kellha grad ta’ Manager B, kienet qeghda taghmel xoghol ta’ Manager A (Dokument H). Infatti fiz-zmien relattiv ir-rikorrenti thallset “substitution pay”. Wara sitt snin f’Bormla hija giet trasferita ghall-“branch” ta’ Rahal Gdid, meqjus bhala “regional office”, fejn giet assenjata dmirijiet li qabel marret hi dejjem kienu jispettaw lil Senior Manager.

Illi ir-rikorrenti kienet bi hsiebha ggib biex issostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti xtaqet iggib prova dwarhom.

Ghalhekk ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li hija tinghata rimedju billi jigi deciz illi ir-rikorrenti kienet eligibbli ghal promozzjoni idonea u ghalhekk jigi ordnat illi l-istess rikorrenti skond il-proceduri applikabbli tigi promossa ghall-grad li t-Tribunal ikun jidhirlu li hija jisthoqqilha fic-cirkostanzi kollha, b’effett minn dik id-data li joghgbu jistabilixxi t-Tribunal oltre li hija tigi risarcita ghat-telf konsegwenzjali ta’ salarju, jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat illi ir-rikorrenti hija mhallsa kumpens xieraq f’ammont li ma jeccedix il-hamest elef Liri Maltin.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Bank intimat illi wiegeb:

1. Illi filwaqt li mhux kontestat li r-rikorrenti ilha mpjegata mal-Bank intimat ghall-perjodu minnha msemmi, huwa minnu wkoll li l-Bank dejjem u konsistement mexa b'mod regolari u korrett maghha, skond ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet tal-impjieg preskritti fiz-zmien relattiv;

2. Illi l-kundizzjonijiet tal-impjieg preskritti relattivament ghar-rikorrenti huma mfissra fi Ftehim Kollettiv, li, dwar l-ghoti ta' promozzjonijiet ma jiddependix biss mill-anzjanita' jew mill-kwalifiki tal-impjegat, imma minn diversi fatturi ohrajn daqstant siewja;

3. Illi minbarra dan, huwa fatt ukoll li l-ghoti ta' promozzjonijiet fi hdan azjenda jikkostitwixxi att ta' prerogattiva diskrezzjonali tal-imghallem;

4. Illi, ghalhekk, minbarra li l-ilment tar-rikorrenti huwa nfondat, dan jinsab imsejjes biss fuq konsiderazzjoni li, kieku l-Bank intimat kellu jimxi fuqha biss, kien ikun qieghed jaghmel ingustizza mal-impjegati l-ohrajn;

5. Illi, fi kwalunkwe kaz, l-ilment tar-rikorrenti jinsab kontradett mill-istqarrija taghha stess tal-fatti billi, meta kien jisthoqqilha li tinghata l-promozzjonijiet hadithom u, skond it-termini tal-kundizzjonijiet tal-impjieg taghha, anke meta kienet timmerita "substitution pay", l-Bank esponenti hallas lir-rikorrent is-somma li kienet tenut ihallas;

6. Illi, minbarra dan, l-ezercizzju ta' promozzjoni effettwati mill-Bank intimat fiz-zminijiet imsemmijin mir-rikorrenti saru bi ftehim mar-rapprezentanti sindakali tal-haddiema tal-Bank u mwettqin bla riferenza ghal kif setghu jintlaqtu impjegati partikulari;

7. Ghaldaqstant, l-intimat talab li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michudin bl-ispejjez kontra taghha.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi b’dan ir-rikors ir-rikorrenti qeda tilmenta min-nuqqas ta’ promozzjoni taghha mill-Bank intimat minkejja illi kellha favur taghha l-anzjanita u l-meritu. Min-naha l-ohra l-Bank intimat qieghed jghid illi l-ezercizzji ta’ promozzjonijiet kienu kollha trasparenti maghmula skond kriterji stabbiliti minn qabel u ma kien hemm l-ebda ingustizzja fil-konfront tar-rikorrenti.
Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti Doreen Scott dahlet impjegata mal-Mid-Med Bank fit-22 ta’ Jannar 1969 bhala skrivana u l-promozzjonijiet taghha fil-lower grades kien wiehed normali sakemm inghatat il-kariga ta’ Manager fl-1986 u baqghet tokkupa din il-kariga sa l-1998 minkejja illi saru ezercizzji ta’ promozzjonijiet fejn gew promossi persuni illi kienu anqas anzjani minnha anzi ghad-dirittura kienu biss clerks meta hija kienet diga Manager. Spjegat illi fl-1987 kien jezisti l-gradi ta’ Manager I, II u III imbaghad bejn l-1987 u 1988 gew amalgamati l-gradi biex saru Manager A u B. Minkejja illi saru diversi ezercizzji ta’ promozzjonijiet ir-rikorrenti baqghet tokkupa l-pozizzjoni ta’ Manager B u tghid illi minkejja t-talbiet taghha sabiex tinghta raguni il-ghala kienet tigi maqbuza ghal dawn il-promozzjonijiet, qatt ma nghatat twegiba.

Ikkunsidra

Illi rrizulta ampjament mill-provi illi saru diversi ezercizzji ta’ promozzjonijiet fiz-zmien illi r-rikorrenti kienet tokkupa l-kariga ta’ Manager liema promozzjonijiet ir-rikorrenti kienet eligibbli ghalihom u wkoll illi gew promossi persuni illi ma kellhomx l-anzjanita taghha. Pero, ir-rikorrenti qeda tibbazza l-ilment taghha purament fuq l-anzjanita u l-meritu li, bla dubju ta’ xejn, huma favur ir-rikorrenti. It-Tribunal jinnota illi dawn mhumiex l-unici kriterji illi l-Bank

jezigi ghall-promozzjonijiet ta' l-impjegati tieghu. Fiz-zmien lamentat il-Bank kien introduca policy illi inkoraggi l-istudju fost l-impjegati tieghu u ghalhekk dawk l-applikanti illi kienu gradwati jew inkella qeghdin jaghmlu kors ta' studju kellhom ikunu privileggati jew almenu jinghata weighting qawwi ghal isforzi taghhom.

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrenti m'ghandhiex kwalifiki u ghalhekk hdejn dawn l-kandidati li kienu gradwati r-rikorrenti kellha handicap kbir illi ma setax jigi sanat biss bl-anzjanita u l-meritu. Hawnhekk ir-rikorrenti mhijiex qed tikkompeti ras ma ras ma l-applikanti l-ohra u kienet tkun ingustizzja ma dawn l-applikanti gradwati illi minkejja l-isforzi taghhom se jsibu ruhhom jikkompetu u jitilfu ma persuni illi mhumiex gradwati. Dan kien ikun skoraggiment ghalihom u kontra l-interessi tal-Bank peress illi ma kienu jaraw l-ebda skop ghal istudju. Dan ma kienx l-iskop dikjarat illi ghamilha cara illi l-bank kien sejjer jippreferixxi jew inkella jaghti weighting qawwi lil min studja u iggradwa. A fol 94 Dok JB7 irrizulta li kwazi kulhadd huwa gradwat u mill-ismijiet elenkati mir-rikorrenti hemm erbgha biss li ma kellhomx kwalifici akkademici u minn dawn l-erba' impjegati rrizulta illi dahlu jahdem l-Bank qabel ir-rikorrenti jew inkella l-istess zmien maghha.

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi sakemm il-Bank jibqa' jaghti konsiderazzjoni lil kwalifici akkademici n-nuqqas taghhom se jibqa' "handicap" ghar-rikorrenti u l-promozzjoni taghha fi hdan il-Bank. Minghajr dawn il-kwalifici ma tkunx tista' tikkompeti ras ma ras ma impjegati l-ohra anki izghar minnha illi jkunu kwalifikati mentri hi ma tkunx. Ghalhekk fin-nuqqas ta' dawn il-kwalifici r-rikorrenti ma tistax tilmenta minn nuqqas ta' promozzjonijiet u ghalhekk it-Tribunal ma jidhirlux illi saret xi forma ta' diskriminazzjoni kontra r-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------